**192. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici, jipproponi:**

Din il-Kamra, waqt li tifhem li huwa diffiċli, jekk mhux impossibbli, li tiġi emendata l-Kostituzzjoni, jew li tiġi implimentata kif inhi llum sabiex jiġi mneħħi imħallef mill-kariga tiegħu f'każijiet ta' kwestjonijiet ta' kontraversarja bejn il-Partiti politiċi,

B'danakollu tħoss li l-maġġoranza tagħha skont l-istess Kostituzzjoni għandha tesprimi ruħha fuq dak li jkun qiegħed jiġri fil-Qrati tagħna meta jkun hemm abbużi minn Imħallfin, kif fil-fatt ġara fl-imgħoddi, u dan l-aħħar b'mod l-aktar ċar u klamoruż meta l-Imħallef Carmelo Scicluna, fil-kawża tal-Arċisqof kontra l-Gvern dwar ir-riformi tal-Edukazzjoni b'xejn għal kulħadd:

(a) iddeċieda li jibqa' jisma' din il-kawża wara li tliet Imħallfin u l-istess President tal-Qorti kienu ddeċidew li jastjenu ruħhom milli jisimgħu l-istess kawża għal raġunijiet simili li għalihom ġie rikużat l-Imħallef Scicluna, jiġifieri għaliex huma kellhom min jiġi minnhom imur f'xi waħda mill-iskejjel tal-Knisja, u

(b) meta l-Arċisqof ġie interrott għax qal li l-Knisja ma tagħmilx distinzjoni bejn il-klassi soċjali tat-tfal hija ddaħħal fl-iskejjel tagħha, l-istess Imħallef wara li jaqbel ma' din l-allegazzjoni - ħaġa mhux veru u li l-Gvern Soċjalista qiegħed jiġġieled biex jirranġa - billi huwa esklama li huwa kien iben ħaddiem u kien ġie edukat fi skola tal-Knisja, u b'hekk huwa wera li huwa preġudikat fil-ġudizzju tiegħu u mhux imparzjali kif trid l-istess Kostituzzjoni;

GĦaldaqstant din il-Kamra tirrakkommanda li l-President tal-Qorti jiġbed l-attenzjoni tal-Imħallef Scicluna għal dan in-nuqqas kbir tiegħu u, fid-dawl tal-prinċipju tal-imparzjalita' tal-Imħallfin, kemm tkun kbira r-responsabbiltà tiegħu jekk jibqa' jisma' huwa l-kawża msemmija;

Fl-istess ħin din il-Kamra taqta' li fil-każ li l-imsemmi Imħallef jiddeċiedi li jibqa' jisma' huwa l-kawża, il-Ministru tal-Ġustizzja għandu jieħu l-passi meħtieġa skont il-liġi sabiex l-istess Imħallef ma jkunx jista' jagħmel dan;

U barra minn dan, din il-Kamra tħeġġeġ lill-Ministru tal-Ġustizzja li f'każ li l-abbużi simili jirrepetu ruħhom fil-ġejjieni, huwa, wara li jara jekk ikunx anqas ta' ħsara għall-poplu, li Imħallef ikompli jitħallas filwaqt li jiġi meħlus mill-funzjonijiet tiegħu, milli jitħalla jaqta' kawżi skont il-passjonijiet tiegħu, iressaq riżoluzzjoni f'din il-Kamra sabiex dak l-Imħallef jiġi mneħħi mill-funzjonijiet tiegħu ta' Imħallef allavolja jibqa' jieħu s-salarju.

**12.11.1984**

**Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici, ressaq din l-Emenda "A":**

Billi fit-tielet paragrafu mill-aħħar, jinqata' l-kliem kollu ħlief il-kelma "għaldaqstant"; it-tieni paragrafu qabel tal-aħħar, jitneħħa kollu, u mill-aħħar paragrafu jitneħħa l-kliem "u barra minn dan" b'mod li allura l-aħħar paragrafu jinqara hekk:

"Għaldaqstant din il-Kamra tħeġġeġ lill-Ministru tal-Ġustizzja li, f'każ li abbużi simili jirrepetu ruħhom fil-ġejjieni, huwa, wara li jara jekk ikunx anqas ta' ħsara għall-poplu, li Imħallef ikompli jitħallas filwaqt li jiġi meħlus mill-funzjonijiet tiegħu, milli jitħallas jaqta' kważi skond il-passjonijiet tiegħu, iressaq riżoluzzjoni f'din il-Kamra sabiex dak l-Imħallef jiġi mneħħi mill-funzjonijiet tiegħu ta' Imħallef allavolja jibqa' jieħu s-salarju.".

**L-emenda "A" għaddiet fis-seduta 204 tat-13 ta' Novembru 1984.**

**Il-mozzjoni kif emendata għaddiet fis-seduta 204 tat-13 ta' Novembru 1984.**